*Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi*

MALTA

*Wild Birds Regulation Unit*

**Name Surname**
Address_1
Address_2
Address_3
Address_4

Numru tal-Karta tal-Identita' ID_Card_No
Mowbajl Mobile_No

Numru tal-Liċenzja Speċjali SL_Number

SPECIMEN

**<u>Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa tas-Summien u[/jew] l-Gamiem fir-Rebbiegħa 2025</u>**

Din il-liċenzja mhix trasferibbli għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2025 qed tinħareġ skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għall-Gamiem u[/jew] għas-Summien) u hija soġġetta għall-provvedimenti stabbiliti fihom u skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti dwar Qafas Biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa (L.S.549.57[1]). **Il-validità ta' din il-liċenzja speċjali hija marbuta mal-, u mingħajr preġudizzju għall-, pubblikazzjoni tar-Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għall-Gamiem u[/jew] għas-Summien).**

Din il-Liċenzja hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. **Din il-Liċenzja hija valida biss għall-kaċċa matul il-perjodu hekk kif stabbilit u skont il-parametri tar-Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għall-Gamiem u[/jew] għas-Summien). Il-kaċċa għal għasafar oħra mhux inkluża fir-Regolamenti tal-2025 hija pprojbita.**

2. Il-persuna liċenzjata tista' tikkaċċja biss minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar.

3. Il-kaċċa ġewwa l-konfini tal-**Park tal-Majjistral**[2] hija permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar, **<u>minbarra</u> kull nhar ta' Erbgħa u fil-Festi Pubbliċi fejn il-kaċċa hija permessa sal-għaxra ta' filgħodu biss.**

4. M'hemmx kwoti individwali, la tal-ġurnata u lanqas tul l-istaġun.

5. Il-kwota/kwoti komplessiva/i għall-kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 hija/huma skont kif stabbilit fir-**Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għall-Gamiem u[/jew] għas-Summien)** bħala numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa flimkien.

6. Din il-liċenzja tiskadi u tiġi meqjusa bħala mħassra hekk kif il-Ministru jiddikjara li ntlaħqet il-kwota komplessiva għall-istaġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025. Il-persuna liċenzjata tiġi ukoll mgħarrfa b'dik l-iskadenza u r-revoka tal-liċenzja tagħha permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru reġistrat mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

   Iżda jekk il-kwota komplessiva għall-istaġun għal waħda mill-ispeċi, hawn aktar 'il quddiem imsemmija "l-ispeċi relevanti", tkun intlaħqet qabel dik għall-ispeċi l-oħra, il-validità tal-liċenzja tiskadi u l-liċenzja tiġi meqjusa bħala mħassra għall-ispeċi relevanti hekk kif il-Ministru jiddikjara li l-kwota komplessiva għall-ispeċi relevanti tkun

[1] https://legislation.mt/eli/sl/549.57/mlt/pdf
[2] https://legislation.mt/eli/ln/2017/300/mlt/pdf

intlaħqet. Il-persuna liċenzjata tiġi wkoll mgħarrfa b'dik l-iskadenza u r-revoka ta' dik il-parti tal-liċenzja permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru reġistrat mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

7. Waqt li tkun qegħda għall-kaċċa, il-persuna liċenzjata għandha żżomm fuqha:
   - din il-Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2025, maħruġa f'isimha,
   - il-liċenzja ġenerali għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art (il-liċenzja f'forma ta' karta tal-identità),
   - il-ktejjeb tal-kaċċa ittimbrat mill-għaqda għas-sena 2025, u
   - l-permess tal-Pulizija għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, validu għas-sena 2025.

8. **Obbligat tirrapporta <u>immedjatament</u> kull kampjun li tkun awtorizzat tikkaċċja waqt l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa billi ċċempel fuq in-numru 80002020 jew tuża l-mobile app "Game Reporting MT".**

9. **Jekk tonqos milli tiddikjara xi qbadt hemm penali ta' ħamsin Ewro (€50) għal kull għasfur li ma tiddikjarax sa massimu ta' €250, inkluż punti penali amministrattivi skont Skeda VIII tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42[3]), iżda jekk in-nuqqas jikkonsisti f'aktar minn 5 għasafar mhux dikkjarati ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skont ir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42).**

10. **Legalment obbligat tirrapporta kull meta ħriġt għall-kaċċa u ma qbadt xejn (*hunting effort*)[4].** Dan ir-rapport għandu jsir kull darba li tkun ħa titlaq minn fuq il-post fejn kont għall-kaċċa minn numru tal-mowbajl irreġistrat f'ismek mad-WBRU permezz ta' telefonata fuq in-numru bla ħlas 80002020 jew permezz tal-*mobile app: 'Game Reporting MT'* li titniżżel bla ħlas minn l-*App Store* jew *Google Play* għal dawk li jagħmlu użu minn *smartphone*. Biex isir dan ir-rapport permezz tas-sistema telefonika, ċempel fuq in-numru 80002020, agħżel il-liċenzja tal-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, f'każ li jkollok aktar minn liċenzja waħda, u agħfas in-numru żero (0) segwit bil-buttuna kaxxa (# *key*). Is-sistema telefonika tipprovdi gwida permezz ta' messaġġi bil-vuċi li huma faċli biex issegwi u ż-żewġ sistemi jikkonfermaw r-rapport billi jintbgħat lura SMS bħala konferma. Tħassarx l-SMS qabel ma jagħlaq l-istaġun.

11. Il-persuna liċenzjata hija obbligata li dejjem tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 18 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) annessi ma' din il-liċenzja (Anness I) mingħajr preġudizzju għal kull projbizzjoni oħra stabbilita f'dawn l-istess Regolamenti u kwalunkwe regolamenti oħra applikabbli.

12. Din il-liċenzja tiġi sospiża minnufih hekk kif il-persuna tiġi imħarrka b'reat taħt ir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

13. Din il-liċenzja tiġi mħassra u tkun mingħajr effett hekk kif il-persuna li jkollha liċenzja tiġi misjuba ħatja ta' reat bi ksur tar-regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

14. Din il-liċenzja hija maħruġa mingħajr preġudizzju lejn id-drittijiet ta' terzi u mingħajr preġudizzju lejn kwalunkwe liġi jew leġiżlazzjoni oħra u ma teżentax lill-persuna liċenzjata milli tikseb kwalunkwe liċenzja, permess, awtorizzazzjoni jew kull forma oħra ta' kunsens rikjesti minn xi awtorità jew taħt xi liġi oħra.

[3] https://legislation.mt/eli/sl/549.42/mlt/pdf
[4] Regolament 12(9) u Skeda IV(c) tal-L.S.549.42

SPECIMEN

15. Kwalunkwe persuna li tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni tar-Regolamenti dwar Qafas Biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa (L.S.549.57), u r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2025 għall-Gamiem u[/jew] għas-Summien) jew il-kontenut ta' din il-liċenzja, jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' din il-liċenzja, tkun soġġetta għall-prosekuzzjoni u meta tinstab ħatja, teħel il-pieni stabbiliti skont regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jew dawk taħt xi liġi jew regolament ieħor applikabbli.

16. Kwalunkwe emendi fil-kundizzjonijiet ta' din il-Liċenzja Speċjali jew kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali għandha tiġi kkomunikata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal-liċenzja speċjali u permezz ta' avviż fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima, u tali messaġġ u avviż għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħa ma' din il-Liċenzja Speċjali.

Richard Lia
Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi

SPECIMEN

<u>Special Licence for the Hunting of Turtle Dove and[/or] Quail during the 2025 Spring Hunting Season</u>

This non-transferable 2025 Spring Hunting Licence is issued in accordance with the Conservation of Wild Birds (Declaration on a derogation for a 2025 Spring Hunting Season for Quail and[/or] Turtle Dove) Regulations, 2025, and is subject to the provisions stipulated therein and to the conditions stipulated in the Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail Regulations (S.L. 549.57[5]). **The validity of this Special Licence is associated with, and without prejudice to, the publication of Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2025 Spring Hunting Season for Turtle Dove and[/or] Quail) Regulations, 2025.**

This Licence is issued subject to the following conditions:

1. **This hunting Licence is only valid during the period as declared in, and in accordance with the parameters set out in, the Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2025 Spring Hunting Season for Turtle Dove and[/or] Quail) Regulations, 2025. The hunting of any other species not included in the 2025 Regulations is prohibited.**

2. The holder of this Licence is only permitted to hunt from two hours before sunrise until noon.

3. Hunting within **Majjistral Park**[6] is permitted from two hours before sunrise until noon, **<u>apart</u> from Wednesdays and Public Holidays where hunting is permitted until 10am only.**

4. There are no individual daily or seasonal bag limits.

5. The overall seasonal bag limit(s) for the 2025 Spring Hunting Season shall be as specified in the **Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2025 Spring Hunting Season for Turtle Dove and[/or] Quail) Regulations, 2025** as the total number of birds which may be hunted under the authority of all issued licences taken together.

6. The validity of the licence shall lapse, and the licence shall be considered revoked as soon as the Minister declares that the overall bag limit for the 2025 Spring Hunting Season has been reached. The licensee shall also be immediately informed of such lapse and revocation of his/her licence by means of a text messaging service (SMS) to the number registered with the Wild Birds Regulation Unit:

   Provided that where the overall bag limit for the season for one species, hereinafter in this paragraph referred to as "the relevant species", has been reached before that for the other species, the validity of the licence shall lapse and the licence shall be considered as revoked in respect of the relevant species as soon as the Minister declares that the overall bag limit for the relevant species has been reached. The licensee shall also be immediately informed of such lapse and revocation of that part of his/her licence by means of a text messaging service (SMS) to the number registered with the Wild Birds Regulation Unit.

7. When the licensee is out hunting, he/she is required to carry on his/her person:

   - this 2025 Spring Hunting Special Licence, issued in the name of the licensee,

---

[5] https://legislation.mt/eli/sl/549.57/eng/pdf
[6] https://legislation.mt/eli/ln/2017/300/eng/pdf



SPECIMEN

- the general licence to hunt birds on land (plastic licence card),
- the hunting booklet stamped by a hunting organisation for 2025, and
- the police permit to hunt birds on land, valid for 2025.

8. **You are required to immediately report each specimen that you are authorised to hunt during the spring hunting season either by calling 80002020 or by using the mobile app "Game Reporting MT".**

9. **If the licensee fails to declare the number of birds caught s/he will be liable to a fine of fifty Euros (€50) for each undeclared bird up to a maximum of €250, including administrative penalty points in accordance with Schedule VIII of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), provided that if the failure consists in more than five undeclared birds the offence shall not be subject to an administrative fine but shall be punishable in terms of regulation 27 of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42[7]).**

10. **You are legally required to report whenever you practiced hunting despite not catching anything (hunting effort)**[8]. This report must be made just before you leave the hunting area from the mobile number registered in your name with the Wild Birds Regulation Unit, either by dialling the freephone service **80002020** or through the mobile app: 'Game Reporting MT' that can be downloaded free of charge from the App Store or Google Play for smartphone devices. To report hunting effort through the freephone system, dial **80002020**, select the general licence to hunt birds on land, in case you have more than one licence, and press zero (0) followed by the # key. The telephonic system provides guidance through easy-to-follow voice prompts and both systems will confirm the report by sending an SMS. Do not delete the SMSs before closure of the season.

11. The Licensee is obliged to comply at all times with regulations 4 and 18 of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42) annexed to this licence (Annex I) without prejudice to any other prohibition laid down in the same regulations and any other applicable regulations.

12. This Licence shall be suspended forthwith if the licensee is charged with an offence under regulation 27 of the Conservation of Wild Birds Regulations.

13. This Licence shall be revoked and be without any effect upon the licensee being convicted of an offence against regulation 27 of the Conservation of Wild Birds Regulations.

14. This Licence is being granted without prejudice to third party rights and without prejudice to any other law or legislation and does not exempt the holder from obtaining any other licence, permit, authorisation or any other form of clearance required by any authority or under any other law.

15. Any person who fails to comply with any provision of the Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail Regulations (S.L. 549. 57) and the Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2025 Spring Hunting Season for Turtle Dove and[/or] Quail) Regulations, 2025, or with the contents of this Licence or with any order lawfully given in terms of any provision of these regulations, or any of the conditions of this licence, shall be liable to prosecution and shall, upon conviction, be liable to the penalties established by regulation 27 of the Conservation of Wild Birds Regulations or any other applicable law or regulation.

---

[7] https://legislation.mt/eli/sl/549.42/eng/pdf

[8] Regulation 12(9) and Schedule IV(c) of S.L.549.42

SPECIMEN

16. Any amendments to the conditions of this Special Licence or any additional conditions shall be communicated by the Wild Birds Regulation Unit by means of a text message service (SMS) to the number indicated by that person in the application for a special licence and by means of a notice on WBRU's website, and such message and notice shall be read and construed as one with this Special Licence.

Richard Lia
Head, Wild Birds Regulation Unit

SPECIMEN

<u>**Anness I**</u>

<u>Regolamenti 4 u 18 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42)</u>

**4.** (1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:

(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;

(b) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, teqred, tikkawża ħsara jew tneħħi b'kull mod, bejta u bajd tal-għasafar;

(ċ) tieħu l-bajd mill-istat selvaġġ ta' għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti u żżomm dak il-bajd ukoll jekk ikun vojt;

(d) intenzjonalment tiddisturba lil xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti waqt iż-żmien ta' tnissil u trobbija;

(e) tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll tagħha jew iżżomm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II u/jew ta' xi għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, sakemm ma jġibx prova li dak l-għasfur:

(i) ikun ġie ddikkjarat mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha, sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna qiegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21; jew

(ii) ikun ġie importat legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b); jew

(iii) ikun ġie meħud fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tiegħu saret skont il-liġi jew ikun ġie b'xi mod ieħor akkwistat b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru; jew

(iv) ikun imrobbi fil-magħluq:

Iżda dik il-persuna għandha żżomm fil-pussess tagħha u għall-perijodu kollu li hija tibqa' fil-pussess tal-kampjun kif previst fil-paragrafu (e), il-liċenzji, permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li dawk il-kampjuni ma kinux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll ir-restrizzjonijiet misjuba fil-paragrafu (e) ma għandhomx japplikaw fejn il-persuna fil-pussess tal-kampjun hija d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew kull persuna oħra awtorizzata mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji u fejn dan il-pussess huwa meħtieġ għar-rijabilitazzjoni, trattamenti veterinarji jew oħrajn, jew it-tnaqqis tan-numru tal-kampjun għar-raġunijiet veterinarji.

**18.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9, l-ebda persuna m'għandha:

(a) waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja xi għasfur, jew iġġorr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha [...]

(b) waqt l-istaġun miftuħ għall-kaċċa tal-għasafar mhux minn fuq il-baħar, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja xigħasfur mhux inkluż fl-Iskeda II;

SPECIMEN

(ċ) waqt l-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar kif jista' jiġi permess skont dawn ir-regolamenti, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur;
(d) waqt l-istaġun miftuħ għat-teħid tal-għasafar kif jista' jiġi permess skont dawn ir-regolamenti, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur minn fuq il-baħar;

(e) waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq il-baħar, iġġorr waqt li tkun fuq il-baħar (minbarra waqt li tkun qiegħda taqsam bejn Malta u Għawdex bit-trasport pubbliku), xi munizzjoni jew arma tan-nar li jkollha liċenzja għat-teħid ta' għasafar;

(f) waqt l-istaġun miftuħ għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq il-baħar:

(i) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, minn fuq il-baħar, xi għasfur li mhux inkluż fit-Taqsima B tal-Iskeda II;

(ii) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja minn fuq il-baħar:

(aa) f'medda ta' tliet kilometri, jew inqas, mill-kosta minn fuq xi dgħajsa jew opra tal-baħar, jew
(bb) lil hinn minn tliet kilometri mill-kosta minn fuq dgħajsa jew opra tal-baħar li tkun qed tinsaq b'iżjed minn 5 kilometri fis-siegħa:

Iżda fil-baħar miftuħ, jista' jiġi awtorizzat għall-kaċċa, għal raġunijiet ta' sigurtà, l-użu ta' dgħajsa jew opra tal-baħar b'veloċità massima ta' 18-il kilometru fis-siegħa;

(iii) iġġorr fuq il-baħar, f'distanza ta' tliet kilometri mill-kosta, arma tan-nar li tkun liċenzjata għall-kaċċa tat-tjur li tkun ikkargata, jew li għandha l-iskrataċ fil-kompartiment tal-iskrataċ tagħha, jew li tkun tinsab barra mill-għata tagħha;

(iv) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja minn fuq xi opra tal-baħar li ma tkunx reġistrata ma' l-awtoritajiet kompetenti;

(v) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja minn fuq xi opra tal-baħar sakemm ma jkollhiex liċenzja mill-Kummissarju għal dak l-iskop;

(vi) tkun fil-pussess, waqt li tkun fuq il-baħar, ta' xi għasfur, mejjet jew ħaj, jew ta' xi parti ta' għasfur, mhux inkluż fl-Iskeda II u persuna li tinstab fil-pussess ta' xi għasfur jew parti ta' għasfur mhux inkluża fit-Taqsima B tal-Iskeda II tiġi preżunta li hija tkun ikkaċċjat, qabdet jew ħadet dak l-għasfur bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju;

(vii) li tvara, u ttella' fuq l-art, opri tal-baħar użati għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq il-baħar minbarra minn dawk il-postijiet indikati fil-liċenzja msemmija fis-subparagrafu (v);

(g) ebda persuna m'għandha, waqt li tkun f'xi vettura jew fuq xi mezz tal-ajru, ikollha pussess ta' arma tan-nar ikkargata jew barra mill-għata tagħha, jew tmur iddur għal xi għasfur, jew tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur.

(2) (a) Ebda persuna m'għandha ġġorr arma tan-nar, kemm jekki kkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew tispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra, jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali:

Iżda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja:

Iżda wkoll is-senter m'għandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinċipali, arterjali, sekondarja jew mogħdija fil-kampanja.

SPECIMEN

(b) Ebda persuna ma għandu jkollha arma tan-nar li jkollha liċenzja għall-kaċċa tat-tjur, li jkollha kompartiment tal-iskrataċ li jista' jżomm aktar minn żewġt iskrataċ fl-istess ħin.

(ċ) Ebda persuna ma tista' tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur waqt li tkun qiegħda fil-bajjiet elenkati fl-Iskeda VII.

SPECIMEN

SPECIMEN

**Annex I**

Regulations 4 and 18 of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L.549.42)

**4.** (1) All species of naturally occurring wild birds are protected. Without prejudice to the provisions of regulations 5, 8 and 9, no person shall:

(a) hunt or attempt to hunt, take or attempt to take any bird which is protected under these regulations, other than in accordance with these regulations and with the conditions of any licence granted thereunder;

(b) hunt or attempt to hunt, take or attempt to take, destroy, damage or remove by any means, any bird nest and eggs;

(c) take the eggs in the wild of any bird which is protected under these regulations and keep these eggs even if empty;

(d) deliberately disturb any bird which is protected under these regulations during the period of breeding and rearing;

(e) be in possession or in control of or keep any specimen of any bird not listed in Schedule II and/or any specimen of any Non-European territory bird, whether alive or dead, or any recognisable parts or derivatives thereof, unless he proves that such specimen:

(i) has been declared with the Malta Environment and Planning Authority or its predecessor by the 31st May 2003 and such person is in possession of the permits, or certificates of registration by the Malta Environment and Planning Authority or its predecessor or by the Wild Birds Regulation Unit to keep such bird in accordance with regulation 21; or

(ii) is lawfully imported in accordance with regulation 6(1)(a) or 6(1)(b); or

(iii) is taken in a Member State where it was lawfully hunted or captured or otherwise lawfully acquired under the terms of Directive 2009/147/EC of the European Parliament and of the Council on the Conservation of Wild Birds and under the legislation of that Member State; or

(iv) is captive bred:

Provided that such person shall retain in his possession and for such time as he remains in possession of the specimen as provided for in paragraph (e) all licences, permits, certificates and any other documents that prove to the satisfaction of the Wild Birds Regulation Unit that such specimen was not obtained in contravention of these regulations:

Provided further that the prohibitions provided for in paragraph (e) shall not apply where the person in possession of the specimen is the Director of Veterinary Services or any other person authorized by the Director of Veterinary Services and where such possession is required for the rehabilitation, veterinary or other treatment or culling of the specimen on veterinary grounds.

**18.** (1) Without prejudice to regulation 9, no person shall:

(a) during the closed season for the hunting of birds on land, hunt or attempt to hunt any bird, or carry ammunition or a fire-arm outside its case...

(b) during the open season for the hunting of birds not at sea, hunt or attempt to hunt any bird not included in Schedule II;
(c) during the close season for the taking of birds as may be permitted in accordance with these regulations, take or attempt to take any bird;

(d) during the open season for the taking of birds as may be permitted in accordance with these regulations, take or attempt to take any bird at sea;

(e) during the close season for the hunting of birds at sea, carry while at sea (other than while crossing between Malta and Gozo by public transport), any ammunition or any fire-arm licensed for taking birds;

(f) during the open season for the hunting of birds at sea:

(i) hunt or attempt to hunt, at sea, any bird which is not included in Part B of Schedule II;

(ii) hunt or attempt to hunt at sea:

(aa) within, or less than, three kilometres from the coastline, from a boat or any sea-craft, or

(bb) beyond three kilometres from the coast from a boat or sea-craft which is being driven at more than 5 kilometres per hour: Provided that on the open sea, for safety reasons, the use of a boat or sea-craft with a maximum speed of 18 kilometres per hour may be authorized for hunting;

(iii) carry at sea, within a distance of three kilometres from the coastline, a fire-arm licensed for hunting game which is loaded, or has cartridges in the magazine, or is out of its case;

(iv) hunt or attempt to hunt from any sea-craft which is not registered with the competent authorities.

(v) hunt or attempt to hunt from any sea-craft unless in possession of a licence for that purpose from the Commissioner.

(vi) be in possession, while at sea, of any bird, dead or alive, or part of any bird, not included in Part B of Schedule II and any person who is found in possession of any bird or part of any bird not included in Part B of Schedule II will be presumed to have hunted, caught or taken such bird in violation of these regulations, unless the contrary is proved;

(vii) launch, and haul on land, sea-craft used for hunting birds at sea other than from those places indicated in the licence mentioned in sub-paragraph (v);

(g) no person shall, while in or on any motor vehicle or aircraft, be in possession of any fire-arm which is loaded or outside its case, or go in pursuit of any bird, or hunt or attempt to hunt, take or attempt to take any bird.

(2) (a) No person shall carry a fire-arm, whether loaded or not, that is not in its case, or discharge any fire-arm, while within 200 meters from any town or village, or other inhabited area, or any of the beaches listed in Schedule VII and within 50 metres from their delineation, or within a distance of 50 meters from main or arterial roads: Provided that this distance of 50 meters shall not apply in the case of secondary roads and country lanes: Provided further that the fire-arm is not aimed in the direction of the road, whether main, arterial, secondary or a country lane.

(b) No person shall be in possession of any fire-arm, licensed for hunting game, which has a magazine capable of holding more than two shots at any time.

(c) No person shall take or attempt to take any bird while within any of the beaches listed in Schedule VII

SPECIMEN